MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 84/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Rayona Caruana**
**Marthese Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Rayona Caruana [detentrici tal-karta tal-identita` numru 11787(M) u Marthese Caruana [ detentrici tal-karta tal-identita` numru 555861M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 u bi ksur tar-regolamenti 15(1) u 23(1) tal-legislazzjoni sussidjarja 409.08 kisru l-kundizzjoni tal-licenzja ta' Marea Kiosk, l-ghadira, l/o Mellieha, meta fl-1 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tal-11.00 hrs ghamlu uzu jew ippermettew li jsir uzu minn umbrellel li fuqhom kien hemm reklam li ma kienux l-isem tal-istabbiliment cioe` Marea Kiosk.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 43(1)(B) u artikolu 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta u regolamenti 15(1) u 23(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08, iddikjarat li sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi u kkundannathom multa ta’ elf u erba` mitt Ewro (€1,400) kull wiehed.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fil-21 ta’ Frar, 2012, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti jinsabu preskritti bit-trapass taz-zmien. Dawn l-imputazzjonijiet qed jigi allegat li sehhew fl-1 ta’ Awwissu 2010 u ghalhekk jinsabu preskritti.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti Tersa Caruana giet imharrka hazin :

a) ghaliex hija jisimha Teresa Caruan u mhux Marthese;

b) ghaliex hi mhiex il-licencee/registered operator;

c) ghaliex hija ttrasferiet il-licenzja tal-kiosk fit-8 ta’ Mejju, 2006 mal-Lands Department jigifieri snin qabel l-1 ta’ Awwissu 2010.

Ghalhekk, skont il-ligi l-esponenti Teresa Caruana m’ghandha tirrispondi ghall-ebda imputazzjoni ladarba hemm il-licencee li tista` tirrispondi hi.

3. Illi l-esponenti gew akkuzati bi ksur ta’ l-artikolu 43(1)(b) [ta’ indoli generali] – cioe` meta persuna tonqos li tosserva xi kundizzjoni fil-licenzja – u bi ksur tar-

regolament 15(1) – cioe` regolament li jirrigwarda ghamara bhala umbrellel u/jew sunbeds – u bi ksur tar-regolament 23(1) [ta' indoli generali] – cioe` l-osservanza tal-licenzja. Ir-regolament 23(3) jipprovdi espressament ghal sitwazzjoni bhal din –
***"Any person who fails to comply with the provisions of regulation 15(1) shall be guilty of an offence and shall, on conviction, be liable to a fine (multa) of one hundred and sixteen Euro and forty-seven cents (€116.47) in respect of any contravention".***
Ghalhekk, il-piena inflitta hija wahda zbaljata in kwantu l-piena applikabbli ghall-kaz prezenti hija ta' €116.47, u mhux €1,400 kull persuna.
4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kaz perzenti, l-esponenti kellha umbrellel regolari, irrangati puliti u fid-distanza regolamentari. Ghalhekk, ma kien hemm l-ebda infrazzjoni tar-regolamenti. Ir-ritratti esibiti mill-ufficjali juru proprju dan.
Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

Semgħet it-trattazzjoniji tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikknsidrat

L-ewwelnett il-Qorti eżaminat id-dokument MTA a fol 6 li juri li kien hemm bidla fil-licensee minn Marthese Caruana u Rayona Caruana (ID 11787(M))b'effett mit-8 ta' Mejju 2006. Ir-registered operator kienet Mrs Teresa Caruana ID 555861(M). Waħda mill-kondizzjonijiet fil-liċenzja hija li s-siġġijiet, l-imwejjed u l-għamara l-oħra għandha ikunu ta' kwalita' tajba, tal-istess kulur, li jaqblu fil-kulur u li ma jkunx hemm reklami ħlief l-isem tal-istabbiliment.

Ir-riċevuta li tidher a fol 8 ħarġet f'isem Caruana Rayona u Teresa Caruana hija indikata bħala l-operatur.

Rat ir-ritratti a fol 9 li juru kemm l-isem tal-istabbiliment bħala 'Marea' kif ukoll reklam ta' xarba popolari.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament li kienu dawn li ġejjin:

John Gatt, field officer tal-Malta Tourism Authority, li xehed li fl-1 t'Awwissu 2010, huwa u sieħbu kienu ġibdu numru ta' ritratti li jidhru a fol 9.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-licensee hija Rayona Caruana u huma kienu akkużaw lil Marthese Caruana wkoll għaliex din kienet fuq il-post u ħadet ir-responsabilita' li hi kienet qegħda hemm biex tmexxi l-premises hi. Id-dipartiment jakkuża kemm il-persuna li kien tkellem magħha kif ukoll lil dik li hija liċenzjata. Qabel sar dan il-każ kien hemm xahrejn ta' awareness mal-Għadira kollha biex kulħadd jaħdem skont il-kundizzjonijiet.

Fit-trattazzjoni, l-abbli difensur ssottometta li l-appellanti Marthese Caruana filfatt jisimha Theresa Caruana u li din il-persuna ddaħħlet fix-xena għalxejn għax kien hemm bidla fil-liċenzja.

L-aggravji tal-appellanti.

L-ewwel aggravju huwa li l-imputazzjonijiet dedotti huma preskritti.

Il-Qorti eżaminat l-artikolu 43(1)(2) tal-kap 409. Dan jikkontempla multa u għalhekk il-preskrizzjoni hija ta' sentejen. L-allegat reat jingħad li twettaq fl-1 t'Awwissu 2010 u l-appellanti kienu notifikati fis-16 ta' Jannar 2012. Għalhekk kienu għaddew sena, ħames xhur u ħmistax-il jum u mhxu sentejn.

Għaldaqstant, il-Qorti mhix qed tilqa' dan l-aggravju.

It-tieni aggravju huwa dwar li l-appellanti Teresa Caruana ma jisimhiex Marthese Caruana, li l-liċenzja mhix fuqha u lanqas hija r-registered operator u għax hi kienet ittrasferiet il-liċenzja fit-8 ta' Mejju 2006.

L-ewwelnett l-appellanti hija indikata bħala 'registered operator' fil-liċenzja (ara fol 6) u għalhekk is-sottomissjoni li l-appellanti mhix ir-registered operator hija skorretta

Il-kelma ‘operatur’

"operatur", dwar attività turistika li ma tkunx gwida tat-turisti, tfisser persuna, li ma tkunx sid, li tkun intitolata li tħaddem dik l-attività turistika minn jeddha kif intitolata, direttament jew indirettament, minn sid;’

Jekk din l-appellanti, jiġifieri Teresa Azzopardi kienet fuq il-post u l-uffiċjali kellmu lilha, allura tista’ tiqies bħala l-operatur skont kif inhi mniżżla fil-liċenzja.

Dwar l-aggravju fuq l-isem, il-Qorti tinnota li fuq il-liċenzja hemm: ‘Change of licencee from Caruana Marthese to Caruana Rayona…..Registered operator Mrs Teresa Caruana ID555861 (M).

L-ID card jaqbel eżatt ma’ dak li jidher fuq il-komparixxi. Dwar in-nuqqas ta’ eżatezza fl-użu tal-isem il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

‘Illi hu minnu li dejjem gie ritenut li l-komparixxi fil-proceduri sommarji hi biss “avviso a comparire” u li ma hemmx ghalfejn ikollha d-dettalji kollha precizi, izda skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali , c-citazzjoni ghandha “inter alia” “ssemmi car il-persuna mharrka” u dan ifisser li l-isem tal-imputat ma ghandux ikun indikat b’mod approssimattiv jew impreciz jew addirittura skorrett u meta jigri dan, u l-Prosekuzzjoni tintebah bl-izball, ghandha titlob id-debita korrezzjoni u l-Qorti nvarjabbilment takkolji din it-talba, b‘ dana li l-akkuzat dejjem ikollu dritt li jitlob differiment u li jerga’ jigi notifikat mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta. Fil-kaz odjern pero’ ma sar xejn minn dan u s-sentenza appellata nghatat filkonfront ta’ persuna li m’ghandix l-isem korrett u preciz tal-appellant .
Ili pero’ kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti , dan ma jgibx ghan-nullita‘ tas-sentenza appellata “ut sic” , imma jista‘ jwassal biss ghall-dikjarazzjoni ta‘ din il-Qorti li s-sentenza appellata mhux esegwibbli kontra l-appellant odjern li ismu proprju hu “EDWIN” u mhux “EDWARD” kif gie imharrek u sentenzjat ; (Ara fir-

rigward is-sentenzi ta' din il-Qorti fil-kawzi "Il-Pulizija vs. Anthony Salomone" (8.6.89); "Il-Pulizija vs. Rose Jane Zammit " (3.2.95); "Il-Pulizija vs. Salvino Borg D' Anastasi" (18.4.2002) u
oħrajn)' (Ara l-Pulizija versus Edward Zammit 23 ta' Settembru 2002).

Mil-liċenzja stess jidher li l-isem korrett kellu jkun 'Teresa' u mhux 'Marthese'. [1] Il-Qorti ser issegwi l-każistika msemmija aktar 'il fqu u ser tilqa' dan l-aggravju limitatament dwar l-użu tal-isme 'Marthese' flok 'Teresa' fil-komparixxi. Waqt li mhix tilqa' li s-sottomissjoni li s-sentenza hija nulla iżda qed tiddeċiedi li s-sentenza ma tistax tkun esegwibbli kontra 'Marthese Caruana.'

It-Tielet Aggravju

L-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni kellha tapplika r-regolament 15(1) tal-Avviż Legali 409.08 u mhux l-artikolu 43 tal-Kap 409.

Il-Qorti mhix tilqa' dan l-aggravju għaliex joħroġ ċar mil-liċenzja li l-appellanti ma setax ikollhom umbrelel bir-riklami. Huma kisru kondizzjoni tal-liċenzja u mhux wettqu xi reat billi ħarġu barra xi għamara meta ma kellhomx liċenzja. Għalhekk l-artikolu li japplika għal dan ir-reat huwa l-artikolu 43 tal-Kap 409.

Ir-Raba' Aggravju.

L-appellanti jgħidu li l-umbrelel kienu rranġati puliti. Il-Qorti qieset li l-Prosekuzzjoni mhix qed takkuża lill-appellanti li l-umbrelel ma kinux irranġati puliti iżda li dawn kellhom r-reklami. B'hekk huma kisru kondizzjoni fil-liċenzja. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju.

Konklużjoni

[1] Fil-komparixxi tidher bħla Caruana Theresa k/a Marthese.

Għaldaqstant il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fid-9 ta’ Frar 2012 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Rayona Caruana u Marthese Caruana’ b’dan pero’ li, għar-raġuni mogħtija aktar ‘il fuq, is-sentenza mhix esegwibbli fil-konfront ta’ ‘Marthese’ li filfatt hija Teresa Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------